**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tad-09 ta' Frar, 2018**

**Kawza numru: 531/2016 AM3**

**Numru fuq il-lista: 32**

**GO plc (C22334)**
**Triq Fra Diegu**
**Marsa**
**MRS 1501**

**Vs**

**Sharon Kennedy (I.D. 0072568A)**
**L-Gharix, Triq Mons. Indri Fenech**
**Il-Mellieha**

It-Tribunal,

Ra l-Avviż tat-Talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fis-17 ta' Novembru, 2016 li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet minghand il-konvenuta s-somma ta' elfejn seba' mija u tlettax-il ewro u tnejn u disghin centezmu (€7,713.92c) in konnessjoni ma' servizzi ta' komunikazzjoni moghti mis-socjeta' attrici lil konvenuta fuq tlett kontijiet separati li, rispettivament, jgibu n-numru AC40297369, in-numru AC40233923 u n-numru AC40197668.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, hija ma kkontestax il-kawza fit-termini preskritt mil-liġi u lanqas ma dehret għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta' attriċi u l-fatt l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Għaldaqstant, wara li t-Tribunal semgha lir-rapprezentant tas-socjeta' attrici tikkonferma li l-ammont ghadu dovut issib li t-talba tas-soċjeta' attriċi tirriżulta gustifikata u timmerita konferma u ghaldaqstant tordna lil konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn seba' mija u tlettax-il ewro u tnejn u disghin centezmu (€2,713.92c) bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika tal-Avviz tat-Talba fit-30 ta' Ottubru, 2017 sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż inkluzi dawk tal-ittra ufficjali a kariku tal-konvenuta.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikant**